**Niżik ħajr għażiza ommi**

Malajr tlaqtni, donnok kont mgħaġġla
Biex tfittex tmur għand il-Mulej,
Li kien qed jistenniek bil-ħerqa
Ħa tgħix miegħu fiż-żmien li ġej.

Bi mħabba kbira int ħabbejtni
Għalija tajt l-għeżeż ħajtek,
Nibqa' għal dejjem ngħożżok ma' qalbi
Inti barka ta' min ħalqek.

Għallimtni nitlob b'tant fidi
U nistenna l'Alla jaħdem,
Wissejtni biex norbot qalbi
Ma' Kristu w qatt ma nitgħażżen.

U li nitlob dit-talba ħelwa:
"Qalb ta' Ġesù jien nafda fik",
Għaliex tassew għax fl-eħrex waqtiet
Hi biss il-paċi kellha ttik.

U avolja tlajt il-Kalvarju
Imma minn hemm Alla saffiek,
Ħarġek rebbieħa fuq kull ħażen
Għenek taħfer u b'hekk qawwiek.

Strieħ ommi, mara komuni
Li qalbek jafha biss Kristu,
Gawdi l-preżenza bla tarf tiegħu
Hu l-faraġ ta' dawk li jibku.

Ħajr ukoll ta' talba tant ħelwa
Li fakkartni fiha milhux:
"Marija ħudli ħsieb lill-ibni
Bħalma ħadt ħsieb 'l Ibnek Ġesù".

U mbagħad dik is-sentenza kbira
Dwar l-imqaddsa, il-karità,
Hija hi ċ-ċavetta tal-ġenna
Hi tagħtina dik l-umiltà.

Li twasslna lkoll biex inkunu
Familja fis-sema w b'fommi,
Dan hu li dejjem 'l Alla nitlob
Niżik ħajr għażiża ommi.

Ibnek Mario
23 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.